MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-18 ta' Dicembru, 2012

Appell Civili Numru. 325/2012/1

**Rikors numru 325/2012**

**Johann Said**
***versus***
**Kummissarju tal-Pulizija**

1. Dan huwa appell tal-Kummissarju tal-Pulizija minn deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrativa li ħassret ir-rifjut tiegħu li jinħareġ permess biex jitmexxa ċirku qrib il-Fosos tal-Floriana bejn it-12 ta' Diċembru 2012 u s-6 ta' Jannar 2013.

2. Il-fatti relevanti huma dawn: Johann Said ["ir-Rikorrent"] kien talab lill-Kummissarju tal-Pulizija ["il-Kummissarju"] jagħtih liċenza "*to run a circus at the parking area in Floriana adjacent to the Granaries between Wednesday 12th December 2012 and Sunday 6th January 2013 (both days inclusive)*". B'ittra tat-18 ta' Ottubru 2012 il-Kummissarju għarraf lir-Rikorrent illi "*a refusal is being submitted* (*sic*) *… since an objection has been received from Transport Malta Land Transport Directorate for the running of the circus in the area referred above due to the impact that this will have on the parking availability in Floriana and Valletta during the festive season*".

3. Il-kwistjoni tressqet quddiem it-Tribunal ta' Appelli dwar Liċenzi tal-Pulizija u dan it-tribunal b'deċiżjoni tal-14 ta' Novembru 2012, wara li qies illi:

«it-Tribunal jikkonsidra l-attività taċ-ċirku, li tibda wara l-5.00 ta' wara nofsinhar, ma tqajjimx diffikultajiet żejda rigward *parking areas*. F'dawn il-*areas* ma jkunx hemm ħafna karrozzi wara dak il-ħin.

«… … …

«Minbarra li wara l-5.00 ta' wara nofsinhar il-pressjoni fuq *parking* tonqos ħafna, persuni li jridu jidħlu l-Belt aktar jagħmel sens li jmorru l-*Park & Ride* fejn jinkludi trasport għall-Belt milli jipparkjaw il-Furjana.»

iddeċieda illi:

«… jirrikmanda li l-permess jinħgata b'dawk il-kundizzjonijiet li l-Kummissarju tal-Pulizija jidhirlu xierqa.»

4. B'ittra tat-22 ta' Novembru 2012 il-Kummissarju, wara li għarraf lir-Rikorrent bil-parir tat-Tribunal ta' Appelli dwar Liċenzi tal-Pulizija, kompla għarrfu illi:

«… r-rakkomandazzjoni tat-Tribunal ma tistax tiġi milqugħa peress illi, b'żjieda ma' dak indikat fl-ittra tagħna tat-18 ta' Ottubru 2012, ġiet stabilita *policy* illi spazji fil-miftuħ ġewwa l-Floriana, inkluż il-Fosos, m'għandhomx ikunu okkupati minn operaturi ta' ċirku.»

5. Ir-Rikorrent għalhekk b'rikors tat-23 ta' Novembru 2012 quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrativa ["it-Tribunal"] talab illi dak it-Tribunal jirrevedi d-deċiżjoni tal-Kummissarju li jirrifjuta l-ħruġ tal-liċenza. B'deċiżjoni tal-10 ta' Diċembru 2012, li minnha sar dan l-appell, it-Tribunal iddeċieda hekk:

«… filwaqt li jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha sollevati mill-Kummissarju tal-Pulizija, jilqa' t-talbiet tar-Rikorrent u filwaqt li jħassar u jirrevoka r-rifjut tal-Kummissarju tal-Pulizija għat-talba tar-Rikorrent *to run a circus at the parking area in Floriana adjacent to the Granaries between Wednesday 12th December 2012 and Sunday 6th January 2013 (both dates inclusive)* in kwantu nieqes mir-raġjonevolezza u għal kollox abbusiv, jidderiġi lill-istess Kummissarju tal-Pulizija sabiex joħroġ licenza favur ir-Rikorrent *to run a circus at the parking area in Floriana adjacent to the Granaries between Wednesday 12th December 2012 and Sunday 6th January 2013 both dates inclusive)*. »

6. It-Tribunal wasal għal din il-konklużjoni wara li għamel dawn il-konsiderazzjonijiet:

«Apparte l-kontestazzjoni fil-meritu l-Intimat [il-Kummissarju] jissolleva eccezzjoni ta' natura preliminari, fis-sens illi dan it-Tribunal ma huwiex kompetenti sabiex jisma' dan il-kaz in kwantu l-kompetenza ghall-konsiderazzjoni tal-vertenza meritu ta' dawn il-proceduri hija vestita fit-Tribunal ta' Appelli dwar Licenzi tal-Pulizija u ghaldaqstant b'applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva, Kap. 490 tal-Ligijiet ta' Malta, dan it-tribunal huwa prekluz milli jittratta u jiddeciedi l-kaz in ezami.

«… … …

«Fil-fehma tat-tribunal b'din is-sottomissjoni l-Intimat jipprova jtappan ir-raguni vera ghalfejn ir-Rikorrent isititwixxa dawn il-proceduri in opposizzjoni ghar-rifjut tieghu. L-implikazzjoni li tohrog minn din is-sottomissjoni hija li ghalkemm usufruwixxa mid-dritt li jappella quddiem it-Tribunal ta' Appelli dwar Licenzi tal-Pulizija mir-rifjut tal-Intimat ghat-talba tieghu *to run a circus at the parking area in Floriana adjacent to the Granaries between Wednesday 12th December, 2012 and Sunday 6th January, 2012 (both days inclusive)*, peress illi tali proceduri ma kellhomx ezitu favorevoli ghalih issa qed jipprova jottjeni rimedju minn dan it-tribunal meta bhala fatt ma ghandux dritt jirrikorri quddiemu. Fid-dawl tal-fattispecie ta' dan il-kaz però jirrizulta li dak allegat mill-Intimat fil-konfront tal-agir tar-Rikorrent huwa ghal kollox infondat fil-fatt u fid-dritt, u r-Rikorrent irrikorra ghal dan it-

tribunal ghaliex ir-rimedju provdut fil-Legislazzjoni Sussidjarja 128.02 fil-kaz tieghu rrizulta ghal kollox inutili u bla effett ghaliex ir-rakkomandazzjoni tat-Tribunal ta' Appelli dwar Licenzi tal-Pulizija favur ir-Rikorrent giet arbitrarjament injorata mill-Intimat.

«… … …

«Huwa minnu li l-artikolu 7 tal-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva, Kap. 490 tal-Ligijiet ta' Malta, jipprovdi li *t-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva ghandu jkun kompetenti li jirrivedi atti amministrattivi tal-amministrazzjoni pubblika fuq punti ta' ligi u ta' fatt. It-Tribunal ikun ukoll kompetenti li jiddeciedi tilwimiet li jigu riferiti lilu kemm-il darba ma jkunx hemm xi qorti jew tribunal amministrattiv iehor li jkun digà qieghed jiehu konjizzjoni ta' dik it-tilwima*, izda dan l-artikolu necessarjament ghandu jinqara flimkien ma' dak provdut fl-artikolu 5 tal-Kap. 490 tal-Ligijiet ta' Malta u cioè li *qieghed jigi stabbilit skond id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att tribunal indipendenti u imparzjali, li jkun maghruf bhala t-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva, bl-iskop li jkun jista' jirrivedi atti amministrattivi istitwiti quddiemu skond dan l-Att jew kull ligi ohra, u bl-iskop tal-ezercizzju ta' kull kompetenza ohra attribwita lit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva b'din il-ligi, jew taht din il-ligi, jew xi ligi ohra, kemm qabel kemm wara li jidhol fis-sehh dan l-Att. It-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva jkollu l-kompetenza li jirrivedi atti amministrattivi*.

«Minn dawn id-disposizzjonijiet tal-ligi johrog car li l-iskop ewlieni tal-legislatur kemm bil-holqien ta' dan it-tribunal kif ukoll bil-holqien ta' tribunali amministrattivi ohra, huwa li c-cittadin privat ikollu rimedju effettiv ghar-revizjoni amministrattiva ta' decizjoni li tittiehed minn awtorità pubblika fil-konfront tieghu. Ghaldaqstant, dak provdut fl-artikolu 7 tal-Kap. 490 tal-Ligijiet ta' Malta ghandu jigi interpretat fis-sens illi t-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva ma jkollux kompetenza biex jisma' u jittratta tilwima partikolari bejn l-awtorità pubblika u c-cittadin privat biss kemm-il darba dan tal-ahhar ikollu u/jew ikun inghata rimedju effettiv quddiem qorti jew tribunal iehor. Konsegwentement ghalhekk is-semplici ezistenza ta' tribunal – anke jekk dan jitqies bhala tribunal

amministrattiv *ai termini* tal-Kap. 490 tal-Ligijiet ta' Malta – mhux necessarjament teskludi l-kompetenza ta' dan it-tribunal milli jisma' u jittratta dik il-vertenza kemm-il darba jirrizulta li fil-kaz partikolari l-applikant ikun gie mcahhad mid-dritt li jkollu rimedju effettiv ghar-revizjoni amministrattiva ta' decizjoni li ttiehdet fil-konfront tieghu. Naturalment dana ma japplikax b'mod indiskriminat ghal kull kaz fejn jigi allegat li cittadin privat ma jkunx inghata rimedju effettiv, izda kull kaz ghandu jitqies fid-dawl tac-cirkostanzi partikolari tieghu.

«It-Tribunal huwa tal-fehma li fil-kaz in ezami r-Rikorrent, nonostante d-dritt ta' appell mid-decizjoni tal-Intimat quddiem it-Tribunal ta' Appelli dwar Licenzi tal-Pulizija, gie mcahhad minn rimedju effettiv ghar-revizjoni amministrattiva tar-rifjut tal-Intimat ghat-talba tieghu *to run a circus at the parking area in Floriana, adjacent to the Granaries also known as "il-Fosos" between Wednesday 12$^{th}$ December 2012 and Sunday 6$^{th}$ January 2013, both days inclusive*, u dana billi l-Intimat b'mod ghal kollox abbusiv u arbitrarju, kif ser jigi spjegat f'iktar dettal iktar 'il quddiem f'din id-decizjoni, injora r-rakkomandazzjoni favur ir-Rikorrent *da parte* tat-Tribunal ta' Appelli dwar Licenzi tal-Pulizija, anke ghaliex skontu hija biss rakkomandazzjoni u ghalhekk mhux vinkolanti, u pproceda biex jikkonferma r-rifjut ghal dik it-talba. Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, nonostante dak provdut fl-artikolu 7 tal-Kap. 490 tal-Ligijiet ta' Malta, dan it-tribunal hu kompetenti biex jisma' u jiddeciedi t-talba tar-Rikorrent.

«… … …

«L-Intimat jattakka l-lanjanza tar-Rikorrent dwar it-telf pekunjarju li allegatament qed isofri minhabba s-sitwazzjoni li jinstab fiha … … ….

«Filwaqt illi t-Tribunal josserva li ma hijiex kompetenza tieghu li jidhol fi kwistjonijiet ta' danni li r-Rikorrent jista' qed isofri minhabba l-agir tal-Intimat fil-konfront tieghu u li r-Rikorrent bhala fatt ma ghandu ebda dritt jew jedd awtomatiku ghall-hrug ta' licenza biex jopera cirku mill-parkegg fejn il-Fosos il-Furjana, ma jqisx però li l-osservazzjonijiet tal-Intimat fil-konfront tar-Rikorrent huma ghal kollox gusti. Jibda biex jinghad li daqs kemm ir-Rikorrent – minhabba esperjenza passata – seta' jaghmel

*contingency plan* u jsib post alternattiv fejn izomm ic-cirku, daqstant iehor l-Intimat seta' fi zmien qasir wara li giet sottomessa l-applikazzjoni mir-Rikorrent … jekk mhux addirittura b'effett immedjat, jirrifjuta dik l-applikazzjoni sabiex ir-Rikorrent effettivament ikun jaf x'inhi l-posizzjoni tieghu fir-rigward, u mhux jipprocedi b'dik l-applikazzjoni u/jew jaghti kunsensi ghal aspetti ancillari u konessi li jwasslu lill-applikant biex jifhem li fl-ahhar mill-ahhar it-talba tieghu kif impostata u formulata tkun ser tigi milqugha bhalma kienet finalment giet milqugha fis-snin ta' qabel.

«Ghalkemm waqt ix-xhieda li ta fis-7 ta' Dicembru 2012 l-Assistent Kummissarju … ddikjara li ma hijiex *policy* tal-Kummissarju tal-Pulizija li jirrifjuta applikazzjoni b'effett immedjat minghajr ma jisma' u jikkonsidra x'ghandhom xi jghidu fir-rigward awtoritajiet ohra li jistghu jkunu kkoncernati, ir-regolament 3(2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 128.02 effettivament jaghtih dik is-setgha. … … … Ladarba l-Intimat stess jikkontendi li kull oggezzjoni u decizjoni f'dan il-kaz dejjem kienet u tibqa' ssir abbazi tal-kongestjoni li tinholoq fiz-zona u abbazi ta' spazji mnaqqsa ghall-parkegg fi zmien meta l-Belt Valletta tkun frekwentata filghaxijiet hafna aktar mis-soltu, huwa ovvju li huwa gà kien jaf li se jirrifjuta dik it-talba indipendentement mill-oggezzjonijiet *o meno* li seta' jkollu u b'hekk ma kien hemm assolutament xejn xi jzommu milli immedjatament jirrifjuta l-applikazzjoni tar-Rikorrent kif minnu impostata biex l-istess jkun f'posizzjoni jew jikkontesta dik id-decizjoni f'termini ta' zmien ragjonevoli jew jaghzel post alternattiv kif issa qed akkuzah li kellu jaghmel l-Intimat.

«In kwantu rigwarda l-kunsens ghall-*information booth* fid-dahla tal-Belt Valletta moghti mill-Intimat, it-Tribunal ma jistax jonqos milli josserva li l-mod kif gie formulat dan il-kunsens, specjalment bl-intestatura *request to set up an Information Kiosk in Freedom Square opposite Burger King from the 1st November 2012 for the upcoming Circus which will be held on the Granaries Floriana in December, 2012*, ma huwiex fic-cirkostanzi tal-kaz mill-iktar felici u r-Rikorrent gustament gie sgwidat f'li jahseb li kien hemm il-possibilità reali li t-talba tieghu kienet ser tigi milqugha minghajr il-problemi kollha li nholqu fis-snin ta' qabel.

«Indipendetement mill-argumentazzjonijiet kollha sollevati mill-Intimat in sostenn tad-decizjoni tieghu fil-konfront tal-Intimat, l-argument centrali fuq liema l-Intimat isejjes il-legittimità tad-decizjoni tieghu hu li huwa fl-ebda hin ma agixxa b'mod abbusiv izda semplicement ezercita d-diskrezzjoni konferita lilu bil-ligi, senjatament bl-Att dwar il-Licenzi tal-Pulizija, Kap. 128 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Legislazzjoni Sussidjarja relattiva, u li fl-ahhar mill-ahhar obda ordni imposta fuqu mill-Kabinett kif kien fid-dover u fl-obbligu li jaghmel skond il-provvedimenti tal-Att dwar l-Interpretazzjoni, Kap. 249 tal-Ligijiet ta' Malta.

«It-Tribunal ikkonsidra bir-reqqa l-argumentazzjonijiet sollevati mill-Intimat f'dan ir-rigward izda huwa tal-fehma li fil-kaz in ezami kien hemm abbuz lampanti tad-diskrezzjoni konferita kemm fuq l-Intimat kif ukoll fuq il-Kabinett bis-sahha tal-Kap. 128 u tal-Kap. 249 tal-Ligijiet ta' Malta, rispettivament.

«… … …

«… … … johrog car li ebda awtorità governattiva, inkluz il-Kabinett, ma ghandha *an absolute and unfettered discretion* u zgur ma tistax tippretendi li l-ezercizzju tad-diskrezzjoni taghha ma jkunx soggett ghal skrutinju guridiku u ghall-eventwalità tat-thassir u revoka ta' decizjoni moghtija meta din tirrizulta li tkun abbusiva u/jew arbitrarja.

«Ghalkemm l-Intimat jikkontendi li d-decizjoni tal-Kabinett li jipprojbixxi l-uzu u okkupazzjoni ta' spazji fil-miftuh fil-Furjana, inkluz il-Fosos, *da parte* ta' operaturi ta' cirku ma tistax tigi skrutinizzata u wisq inqas invalidata minn dan it-Tribunal ghaliex ir-Rikorrent istitwixxa l-proceduri kontra tieghu biss u mhux ukoll kontra l-Ministri li jikkomponu l-Kabinett, din is-sosttomissjoni assolutament ma tistax tregi. Ladarba ir-rifjut tal-Intimat ghat-talba tar-Rikorrent huwa bbazat fuq id-decizjoni tal-Kabinett, dan it-Tribunal necessarjament ghandu janalizza l-validità u legalità ta' dik id-decizjoni sabiex finalment jiddetermina jekk kienx hemm abbuz ta' diskrezzjoni fil-konfront tar-Rikorrent kif minnu allegat.

«… … …

«Meta l-fattispecie ta' dan il-kaz jigu kkunsidrati fid-dawl tal-principji [ta' dritt amministrattiv] ma jistax ghajr li jirrizulta li kien hemm abbuz fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni

kemm *da parte* tal-Intimat kif ukoll *da parte* tal-Kabinett, liema abbuz necessarjament iwassal ghall-invalidità u illegittimità tar-rifjut tal-Intimat ghat-talba tar-Rikorrent …

«Originarjament l-Intimat irrifjuta t-talba tar-Rikorrent *since an objection has been received from Transport Malta Land Directorate for the running of the circus in the area referred above* (*ossia the parking area in Floriana adjacent to the Granaries*) *due to the impact that this will have on the parking availability in Floriana and Valletta during the festive season.* Waqt is-smigh tal-appell quddiem it-Tribunal ta' Appelli dwar Licenzi tal-Pulizija u fil-kors tal-proceduri odjerni rrizulta li l-bazi tal-oggezzjoni tal-Awtorità ghat-Trasport f'Malta kienet in verità oggezzjoni tal-*GRTU* minhabba l-allegat impatt negattiv li dan ic-cirku jista' jkollu fuq il-kummerc tal-hwienet tal-Belt Valletta fi zmien il-festi tal-Milied … … …

«L-Intimat kien konxju mill-fatt illi l-oggezzjoni tal-Awtorità ghat-Trasport f'Malta kienet imsejsa fuq l-interessi tal-*GRTU* u tal-membri taghha … … …. In verità l-Intimat qatt ma messu sommarjament laqa' dik l-oggezzjoni u pproceda biex jirrifjuta t-talba tar-Rikorrent a bazi taghha u dana billi *ai termini* tar-regolament 3(2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 128.02 qabel ma jiehu decizjoni kif imsemmi fis-subregolament (1), il-Kummissarju jista' jikkonsulta lil kull awtorità li titqies kompetenti li taghti parir dwar dak li jkollu x'jaqsam mat-talba u huwa ghandu jikkunsidra kull oggezzjoni li ssir minn kull parti ohra li jkollha interess. L-Awtorità tigi kkonsultata mill-Intimat biex taghti l-opinjoni taghha dwar l-impatt tat-talba li ssir lilu fir-rigward ta' dawk l-affarijiet u jew aspetti li jaqghu taht il-funzjonijiet u responsabiltajiet taghha u certament l-interessi tal-*GRTU* u tal-membri taghha – anke jekk mohbija wara l-iskuza tal-*parking availability* – ma jaqghux *entro* l-parametri tal-funzjonijiet u responsabiltajiet tal-Awtorità ghat-Trasport f'Malta. Awtorità pubblika qatt ma ghandha tkun parzjali lejn u tippromwovi l-interessi personali ta' sezzjoni partikolari tas-socjetà, kemm civili kif ukoll kummercjali, kif gara fil-kaz in ezami u dana billi awtorità pubblika, *proprio* ghaliex awtorità pubblika, ghandha tkun 'il fuq minn kull interess personali jew partiggjan.

«Fil-fehma tat-Tribunal l-Intimat ma kellux jikkonsidra l-interessi tal-*GRTU* ghaliex l-oggezzjoni taghhom ma gietx

avvanzata b’mod dirett minnhom izda bil-mohbi wara l-faccata u l-parenza tal-Awtorità ghat-Trasport f’Malta. Madanakollu anke jekk jitqies li l-Intimat seta’ jikkonsidra l-veduti tal-*GRTU* ghaliex tista’ titqies bhala parti interessata – konsiderazzjoni din *al quanto* perikoluza fil-kuntest ta’ *good governance* – huwa kien fid-dmir li jqis l-interessi ta’ zewg partijiet privati – l-interessi tar-Rikorrent u l-interessi tal-hwienet tal-Belt Valletta – b’mod iktar ekwu u bilancjat u mhux jaghti widen lil fazzjoni wahda biss. L-Intimat ghadda biex jaccetta l-oggezzjoni tal-Awtorità ghat-Trasport f’Malta u jirrifjuta t-talba tar-Rikorrent minhabba kwistjonijiet [ta’] parkegg minghajr ma ha in konsiderazzjoni l-fatt li fil-Furjana hemm diversi parkeggi ohra disponibbli li certament jattenwaw in-nuqqas tal-parkegg ta’ hdejn il-Fosos fejn ir-Rikorrent jitlob li jarma c-cirku. F’dan il-kaz l-Intimat kellu obbligu ferm qawwi li jaghmel dawn il-konsiderazzjonijiet qabel ma jaghti d-decizjoni tieghu, ghaliex jirrizulta bic-car li l-Awtorità ghat-Trasport f’Malta ghazlet li tinjorahom biex minflok tipprotegi l-interessi tal-*GRTU*. In effetti mix-xhieda … johrog b’mod car li l-Awtorità ghat-Trasport f’Malta ghazlet li taghlaq ghajnejha ghall-fatt li fil-Furjana, u appuntu fil-vicinanzi tal-Fosos, hemm parkeggi ohra disponibbli li jistghu jattenwaw ghan-nuqqas tal-parkegg ta’ fejn il-Fosos fejn ir-Rikorrent jitlob li jarma c-cirku. L-Awtorità nhbiet wara l-iskuza li ma tafx b’dawn il-parkeggi – ghalkemm josserva t-Tribunal dawn huma *in bella vista* ghal kulhadd u ferm uzati min-nies li jiffrekwentaw il-Furjana u l-Belt Valletta – u li fi kwalunkwe kaz ma humiex parkeggi li jaqghu tahtha. Sfortunatament l-Intimat ghazel li jezercita d-diskrezzjoni tieghu billi jaghmel semplici *rubber stamping* ta’ l-oggezzjoni tal-Awtorità ghat-Trasport f’Malta minghajr ma indenja ruhu jikkonsidra sew il-fondatezza u legittimità ta’ dik l-oggezzjoni.

«It-Tribunal josserva li l-awtoritajiet pubblici u anke dawk governattivi ma ghandhomx jadottaw il-funzjoni ta’ protetturi jew tuturi tal-interessi ta’ *lobby groups* li jirrapprezentaw l-interessi personali ta’ xi whud a detriment u bi pregudizzju ta’ haddiehor; dana zgur ma jikkostitwixxix *good governance*.

… … …»

7. Il-Kummissarju appella minn din id-deċiżjoni tat-Tribunal b'rikors tat-12 ta' Diċembru 2012, li għalih ir-Rikorrent wieġeb fl-14 ta' Diċembru 2012 biex fisser għala, fil-fehma tiegħu, l-appell għandu jiġi miċħud.
8. L-aggravji tal-Kummissarju huma tnejn: l-ewwel aggravju jolqot il-kompetenza tat-Tribunal waqt illi fit-tieni aggravju l-Kummissarju jgħid illi ma jaqbilx mat-Tribunal meta dan igħid illi r-raġunijiet li fuqhom kien imsejjes ir-rifjut tal-permess kienu irraġonevoli u abużivi.
9. Billi, fit-tweġiba tiegħu, ir-Rikorrent ressaq dubju dwar jekk dan l-appell kellux jinstema' minn din il-qorti fil-kompetenza superjuri tagħha jew f'dik inferjuri, il-qorti sejra tqis dan id-dubju qabel ma tidħol fil-meritu tal-appell.
10. L-Att dwar il-Ġustizzja Amministrativa [Kap. 490] jipprovdi hekk dwar appelli minn deċiżjonijiet tat-Tribunal:
«**22.** (1) Kull parti fil-proċeduri quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva li tħoss ruħha aggravata b'deċiżjoni ta' dak it-Tribunal tista' tappella quddiem il-Qorti tal-Appell fil-kompetenza tagħha superjuri jew dik inferjuri.
«(2) Il-kompetenza tal-Qorti tal-Appell biex tisma' u tiddeċiedi appell minn deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva tkun dik stabbilita fit-Tieni Skeda:»
11. It-Tieni Skeda tgħid liema huma dawk il-liġijiet illi appell dwar deċiżjoni taħthom jinstema' quddiem il-Qorti tal-Appell fil-kompetenza superjuri, u liema huma dawk il-liġijiet li appell minn deċiżjoni taħthom jinstema' minn din il-qorti fil-kompetenza inferjuri. Id-dubju jqum għax l-Att dwar il-Liċenzi tal-Pulizija [Kap. 128] imkien ma jissemma fit-Tieni Skeda.
12. L-art. 41 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jwaqqaf Qorti tal-Appell waħda fil-kompetenza ċivili, u mhux Qorti tal-Appell inferjuri u oħra Superjuri, għalkemm l-artikolu 41(6) tal-istess Kodiċi jipprovdi li sabiex din il-Qorti tisma' l-appelli msemmija fl-istess subartikolu din il-Qorti tkun komposta minn wieħed biss mill-membri tagħha u f'dak il-każ din il-Qorti tista' wkoll tissejjaħ bħala Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri).
13. Din il-qorti hija tal-fehma illi l-konsegwenza tan-nuqqas li jissemma l-Kap. 128 fit-Tieni Skeda ma hijiex illi ma jistax isir appell dwar deċiżjoni taħt dik il-liġi – għax l-art. 22(1) jagħti dritt ġenerali ta' appell mid-deċiżjonijiet

tat-Tribunal – iżda l-unika kwistjoni li joħloq dan in-nuqqas hija dwar liema sede ta' din il-qorti għandha tisma' l-appell. Iżda din il-kwistjoni hi ormai waħda akkademika u sorpassata bl-eventi għaliex l-appell sar quddiem il-Qorti tal-Appell u nġieb u jinsab quddiem din il-Qorti fil-kompetenza hekk msejjħa "superjuri" tagħha kif previst fl-artikolu 22(1) imsemmi. Għalhekk ma għandu jkun hemm ebda dubbju li l-appell sar sew u li din il-Qorit kif komposta hija kompetenti skont l-artikolu 22(1) sabiex tisimgħu.

14. Nistgħu għalhekk issa ngħaddu biex inqisu l-meritu tal-appell.

15. L-ewwel aggravju jolqot il-kompetenza tat-Tribunal għax il-Kummissarju jgħid illi t-Tribunal ma għandux kompetenza kemm għax din ma tingħatalux taħt il-Kap. 128, kemm għax ma tingħatalux taħt il-Kap. 490, għax il-Kap. 128 ma jissemmiex fit-Tieni Skeda ta' dak l-Att, u kemm għax il-Kap. 128 jagħti s-setgħa li jsir appell quddiem tribunal ieħor, li huwa t-Tribunal ta' Appelli dwar Liċenzi tal-Pulizija.

16. Din il-qorti ma taqbilx illi l-Kap. 490 ma jagħtix dritt ta' appell quddiem it-Tribunal. L-art. 7 ta' dak l-Att jagħti lit-Tribunal setgħa ġenerali "li jirrivedi atti amministrattivi tal-amministrazzjoni pubblika fuq punti ta' liġi u ta' fatt" mingħajr restrizzjoni. It-tifsira ta' "att amministrattiv" mogħtija fl-art. 2 tal-Kap. 490 "tinkludi l-ħruġ mill-amministrazzjoni pubblika ta'… liċenza … jew ċaħda ta' xi talba magħmula minn membru tal-pubbliku". Il-Kummissarju huwa parti mill-amministrazzjoni pubblika għax din tfisser ukoll "kull korp magħqud kostitwit permezz ta' liġi", bħal ma hu l-Korp tal-Pulizija. Għalhekk id-deċiżjonijiet tiegħu huma soġġetti għal reviżjoni mit-Tribunal.

17. Lanqas, fil-fehma ta' din il-qorti, ma hu ta' ostakolu l-fatt illi r-Regolamenti dwar Proċeduri għal-Liċenzi (L.S. 128.2) maħruġa taħt il-Kap. 128 jagħtu s-setgħa li jsir appell quddiem it-Tribunal ta' Appelli dwar Liċenzi tal-Pulizija.

18. Tassew illi l-art. 7 tal-Kap. 128 igħid illi:

«**7.** It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandu jkun kompetenti li jirrivedi atti amministrattivi tal-amministrazzjoni pubblika fuq punti ta' liġi u ta' fatt. It-Tribunal ikun ukoll kompetenti li jiddeċiedi tilwimiet li jiġu

riferiti lilu kemm-il darba ma jkunx hemm xi qorti jew tribunal amministrattiv ieħor li jkun diġà qiegħed jieħu konjizzjoni ta' dik it-tilwima.»

19. Il-Kummissarju jistrieħ fuq it-tieni parti ta' dan l-artikolu u jgħid illi, ladarba hemm "tribunal amministrattiv ieħor li jkun diġà qiegħed jieħu – jew, aħjar, li diġà ħa – konjizzjoni ta' dik it-tilwima", mela t-Tribunal ma huwiex kompetenti.

20. Il-qorti ma taqbilx ma' dan l-argument. Ir-reg. 4(1) tal-L.S. 128.2 jagħmilha ċara illi t-Tribunal ta' Appelli dwar Liċenzi tal-Pulizija jista' biss jagħti "parir" li ma jorbotx lill-Kummissarju. Fil-fatt, fil-każ tallum il-Kummissarju ma qagħadx fuq dak il-parir. Dan ifisser illi l-"parir" tat-Tribunal ta' Appelli dwar Liċenzi tal-Pulizija ma huwiex forma ta' reviżjoni tal-att amministrattiv tal-Kummissarju iżda huwa biss parti mill-proċess li jwassal għal dak l-att, għax jingħata qabel, u mhux wara, d-deċiżjoni finali. Għalhekk, il-"konjizzjoni" li jieħu t-Tribunal ta' Appelli dwar Liċenzi tal-Pulizija ma hijiex tal-istess natura tal-"konjizzjoni" li jieħu t-Tribunal (ta' Reviżjoni Amministrattiva) meta l-att amministrattiv jinġieb quddiemu.

21. Għalhekk qal sew it-Tribunal illi r-rimedju taħt il-L.S. 128.2 ma huwiex ir-rimedju kontemplat fl-art. 7 tal-Kap. 128 biex jeskludi l-kompetenza tat-Tribunal.

22. Dan l-aggravju huwa għalhekk miċħud.

23. Fit-tieni aggravju tiegħu l-Kummissarju jgħid illi kien żbaljat it-Tribunal meta qal illi r-raġunijiet li fuqhom kien imsejjes ir-rifjut tal-permess kienu irraġonevoli u abużivi.

24. L-ewwel raġuni ta' nuqqas ta' raġonevolezza mressqa mit-Tribunal hija d-dewmien tal-Kummissarju biex jasal li jirrifjuta t-talba, aktar u aktar meta dan id-dewmien, u l-imġieba tal-awtoritajiet sakemm inħareġ ir-rifjut, setgħu jagħtu x'tifhem illi l-liċenza kienet sejra tinħareġ.

25. Jinħgad qabel xejn illi n-nuqqas tal-Kummissarju li jieħu deċiżjoni minnufih – kif, fil-fehma tat-Tribunal, kellu s-setgħa li jagħmel – ma hijiex ħaġa li turi nuqqas ta' mġieba raġonevoli. Anzi, li kieku l-Kummissarju mexa hekk u ma ħax ukoll il-fehma ta' entijiet oħra li jħarsu l-interess pubbliku, seta' jkun mixli li ma qiesx il-fatturi kollha relevanti, u għalhekk meta sema' x'għandhom xi

jgħidu entijiet oħra mexa b'għaqal aktar milli b'nuqqas ta' għaqal.

26. Barra minn hekk, u bla ħsara għal dak li ngħad fuq, fil-fehma tal-qorti, għalkemm dewmien żejjed jista' jkun fih innifsu irraġonevoli, din l-irraġonevolezza mhux bilfors tolqot il-meritu tad-deċiżjoni nfisha, hekk illi dik id-deċiżjoni għandha bilfors tinqaleb. Tassew illi nuqqas ta' raġonevolezza proċedurali – bħal nuqqas ta' smigħ xieraq – tista' wkoll tolqot il-meritu, iżda dan ma huwiex dejjem il-każ, u mhux kull deċiżjoni li ma titteħidx fi żmien raġonevoli hija fiha nfisha irraġonevoli u għandha titħassar.

27. Fil-każ tallum it-Tribunal sab irraġonevolezza għax id-dewmien u l-imġieba tal-awtoritajiet sakemm ittieħdet id-deċiżjoni ta' rifjut – partikolarment l-għoti ta' permess biex jittella' *information kiosk* dwar *the upcoming Circus which will be held on the Granaries Floriana in December, 2012* – setgħu ħolqu fir-Rikorrent aspettativa leġittima illi l-liċenza kienet sejra tinħareġ.

28. Għalkemm jista' jkun minnu illi, kif sewwa qal it-Tribunal, "il-mod kif ġie formulat dan il-kunsens … ma huwiex fiċ-ċirkostanzi tal-każ mill-iktar feliċi", il-fatt illi forsi ttieħdet deċiżjoni mgħaġġla li jingħata permess għall-*kiosk* mingħajr ma jingħad illi dak il-permess ingħata bla preġudizzju għall-konsiderazzjoni tat-talba għal-liċenza biex jinżamm iċ-ċirku ma jorbotx lill-Kummissarju biex jagħti dik il-liċenza jekk raġonevolment jidhirlu li jkun żbaljat li jagħmel hekk.

29. Filwaqt illi tqis illi kienet ottimista wisq il-konklużjoni tar-Rikorrent illi l-permess għall-*kiosk* kien ifisser illi sejjer jingħata wkoll liċenza għaċ-ċirku, din il-qorti tosserva illi, *se mai*, ir-Rikorrent jista' forsi jippretendi danni għal kolpa prekuntrattwali u mhux illi jġiegħel lill-Kummissarju jagħti liċenza meta l-Kummissarju, wara konsiderazzjoni aktar serena tal-fatturi li jolqtu l-ħruġ ta' liċenza biex jinżamm ċirku u mhux biss biex jittella' *kiosk*, huwa tal-fehma illi dik il-liċenza ma għandhiex tinħareġ.

30. Il-qorti ma taqbilx illi, għal din ir-raġuni, id-deċiżjoni tal-Kummissarju kellha titqies irraġonevoli u abużiva.

31. Argument ieħor tat-Tribunal jolqot il-*policy* ġenerali illi ma jitħalliex illi jinżamm ċirku fi spazji miftuħa fil-Floriana. Jidher illi din il-*policy* twaqqfet mill-Kabinett tal-

Ministri, u l-Kummissarju kien marbut, taħt l-art. 6(*ċ*) tal-Att dwar l-Interpretazzjoni [Kap. 249], li jimxi fuqha.

32. Għalkemm taqbel mat-Tribunal illi l-Kummissarju huwa l-kontradittur leġittimu biex jiddefendi din il-*policy* tal-Kabinett, għax huwa "l-kap tad-dipartiment … inkarigat fil-materja in kwistjoni" kif irid l-art. 181B(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u illi huwa wkoll diffiċli tiġġustifika r-raġonevolezza ta' din il-*policy* meta ma ntwerewx ir-raġunijiet għala twettqet, il-qorti tosserva illi r-raġuni msejsa fuq din il-*policy* hija "b'żjieda" mar-raġuni msejsa fuq l-impatt negattiv li ċ-ċirku jkollu fuq id-disponibilità ta' spazju għall-parkeġġjar ta' vetturi fil-Belt Valletta u l-Floriana, aktar u aktar fl-istaġun tal-Milied, u mhux ir-raġuni waħdanija li wasslet għar-rifjut.

33. Il-qorti għalhekk ma tarax illi tkun determinanti għall-każ tallum ir-raġonevolezza jew nuqqas ta' raġonevolezza ta' din il-*policy*: tista' tikseb relevanza biss jekk ir-raġuni l-oħra mogħtija ma tkunx biżżejjed.

34. Argument ieħor tat-Tribunal huwa illi l-Kummissarju qies l-interessi privati tan-negozjanti tal-Belt Valletta meta kellu jieħu l-fehma biss ta' awtoritajiet pubbliċi oħra u mhux ukoll dawk ta' interessi privati.

35. Il-qorti ma tarax illi, jekk għamel hekk, il-Kummissarju mexa b'mod li jitqies mhux raġonevoli. Wara kollox, l-interess tar-Rikorrent ukoll huwa interess privat u lanqas ma huwa l-każ illi l-attività kummerċjali ġenerali għandha tkun irrelevanti għall-għanijiet tad-deċiżjonijiet li jieħdu l-awtoritajiet pubbliċi għax huwa wkoll fl-interess tal-pubbliku ġenerali illi ma jkunx imxekkel l-aċċess għall-ħwienet fil-Belt Valletta, aktar u aktar fiż-żmien tal-Milied.

36. Barra minn hekk, mhux biss, taħt ir-reg. 3(2) tal-L.S. 128.2, il-Kummissarju "għandu jikkunsidra kull oġġezzjoni li ssir minn kull parti oħra li jkollha interess", iżda wkoll il-fatt illi d-deċiżjoni tal-Kummissarju hija favorevoli għal interessi privati ta' terzi ma jfissirx illi d-deċiżjoni kienet kondizzjonata b'dawk l-interessi. Fil-fehma ta' din il-qorti t-Tribunal wasal faċilment wisq għall-konklużjoni illi l-motivazzjoni tal-Kummissarju kienet partiġjana fl-interess ta' persuni privati, u li, effettivament, il-Kummissarju mexa *in mala fede* għħax qies interessi moħbija wara xi

paraventu. L-allegazzjoni tat-Tribunal illi l-Kummissarju ta "widen lil fazzjoni wahda biss" hija gratuwita.

37. Fil-meritu, din il-qorti ma tistax ma taqbilx mal-Kummissarju illi d-deċiżjoni tiegħu ma kinitx waħda li ebda bniedem raġonevoli jista' jasal għaliha. Il-fatt illi deċiżjoni opposta tista' wkoll tkun raġonevoli ma jfissirx illi d-deċiżjoni attakkata kienet irraġonevoli. Il-qorti tfakkar illi l-funzjoni tagħha ma hijiex dik li tgħid taqbilx jew le mad-deċiżjoni, iżda li tara jekk dik id-deċiżjoni hijiex irraġonevoli, abużiva jew bi ksur tal-liġi.

38. Huwa fatt magħruf illi mhux faċli li ssib post fejn tipparkeġġja fl-inħawi tal-Belt Valletta u tal-Floriana qrib il-Belt. Huwa fatt magħruf ukoll illi l-kummerċ u l-frekwenza tan-nies jiżdiedu fiż-żmien tal-Festi tal-Milied. Jekk jitwaqqaf iċ-ċirku f'post fejn jistgħu jipparkeġġjaw numru mhux ħażin ta' vetturi mhux biss sejra tonqos il-provista ta' spazju iżda wkoll sejra tiżdied id-domanda tan-nies li jmorru ċ-ċirku u jridu post fejn jipparkeġġjaw. Id-deċiżjoni li ma tħallix li dan isir tista' ma taqbilx magħha; ma tistax iżda tgħid illi ebda bniedem raġonevoli ma jista' jasal għal dik id-deċiżjoni.

39. It-tieni aggravju tal-Kummissarju huwa għalhekk ġustifikat.

40. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tilqa' l-appell u tħassar id-deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva tal-10 ta' Diċembru 2012.

41. Billi ġie miċħud l-aggravju tal-Kummissarju dwar kompetenza tat-Tribunal, l-ispejjeż jinqasmu hekk: tliet ishma minn erbgħa (¾) jħallashom ir-Rikorrent u sehem wieħed minn erbgħa (¼) jħallsu l-Kummissarju,

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------